L-Università ta' Malta

MATSEC
Examinations Board



# Karti Mudell

## ĊES Il-Malti bħala Lingwa Barranija

**2025**

Aġġornat Mejju 2023

# Il-Werrej

Karta Mudell: Karta Controlled Livell 1-2 .......... 3
L-iskema tal-Marki .......... 21
Karta Mudell: Karta Controlled Livell 2–3 .......... 27
L-Iskema tal-Marki .......... 44

# Karta Mudell: Karta Controlled Livell 1-2

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**KARTA MUDELL**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti bħala Lingwa Barranija** |
| NUMRU TAL-KARTA: | II - Livell 1–2 (It-Taħdit) |
| DATA: | |
| ĦIN: | 10 minuti (5 minuti preparazzjoni: 5 minuti taħdit) |

**Il-KARTA TAL-EŻAMINATUR**

**A. Taħdit dwar viżwal** **(6 marki)**

Il-kandidat jingħata l-karta bl-istampi minn qabel u jagħżel **WAĦDA** minnhom.

**Stampa 1:**



*(https://www.colourbox.com/vector/timeline-infographic-of-planting-tree-process-vector-18008636)*

**JEW**

**Stampa 2:**




*(https://www.dreamstime.com/illustration/steps-direction.html)*

Il-mistoqsijiet dwar l-istampa magħżula:

i. Semmi **ŻEWĠ** affarijiet li jidhru fl-istampa. (2 marki)
ii. Agħti **ŻEWĠ** istruzzjonijiet li jidhru fil-proċess li qed tara f'din l-istampa. (4 marki)

**B. Produzzjoni ta' mistoqsijiet skont il-kuntest mogħti (9 marki)**

Il-kandidat jingħata l-karta bl-istampi minn qabel u jagħżel **WAĦDA** minnhom biex wara jifforma xi mistoqsijiet li jkunu addattati għall-kuntest.

**Stampa 1:**



*(https://thegolfclub.info/related/blue-cockatoo-pet-store.html)*

Immaġina li dħalt f'ħanut li jbigħ l-annimali u tħajjart tixtri għasfur minn dawn li qed jidhru fl-istampa. Ifforma **TLIET** mistoqsijiet li se tagħmel lil tal-ħanut biex takkwista aktar informazzjoni.

**JEW**

**Stampa 2:**




*(https://www.theboltonnews.co.uk/news/14169727.revamp-for-great-lever-post-office-crescent-road/)*

Immaġina li għandek bżonn tibgħat pakkett lill-familjari tiegħek barra minn Malta. Ifforma **TLIET** mistoqsijiet biex titlob xi informazzjoni mingħand il-pustier li hemm fil-fergħa.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**KARTA MUDELL**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| NUMRU TAL-KARTA: | II - Livell 1–2 (It-Taħdit) |
| DATA: | |
| ĦIN: | 10 minuti (5 minuti preparazzjoni: 5 minuti taħdit) |

**Il-KARTA TAL- KANDIDAT**

**A. Taħdit dwar viżwal** **(6 marki)**

Agħżel stampa minn 1 jew 2 u wieġeb il-mistoqsijiet li jsirulek dwarha.

**Stampa 1:**



*(https://www.colourbox.com/vector/timeline-infographic-of-planting-tree-process-vector-18008636)*

**JEW**

**Stampa 2:**




*(https://www.dreamstime.com/illustration/steps-direction.html)*

**B. Produzzjoni ta' mistoqsijiet skont il-kuntest mogħti** **(9 marki)**

Agħżel stampa minn 1 jew 2 u wara fforma xi mistoqsijiet li jkunu addattati għall-kuntest.

**Stampa 1:**



*(https://thegolfclub.info/related/blue-cockatoo-pet-store.html)*

Immaġina li dħalt f'ħanut li jbigħ l-annimali u tħajjart tixtri għasfur minn dawn li qed jidhru fl-istampa. Ifforma **TLIET** mistoqsijiet li se tagħmel lil tal-ħanut biex takkwista aktar informazzjoni.

**JEW**

**Stampa 2:**




*(https://www.theboltonnews.co.uk/news/14169727.revamp-for-great-lever-post-office-crescent-road/)*

Immaġina li għandek bżonn tibgħat pakkett lill-familjari tiegħek barra minn Malta. Ifforma **TLIET** mistoqsijiet biex titlob xi informazzjoni mingħand il-pustier li hemm fil-fergħa.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**KARTA MUDELL**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| NUMRU TAL-KARTA: | II - Livell 1–2 (Is-Smigħ) |
| DATA: | |
| ĦIN: | 20 minuta |

**Il-KARTA TAL-EŻAMINATUR**

**Il-ħin għal dan l-eżerċizzju li jinkludi l-qari darbtejn tat-testi għandu jieħu b'kollox 20 minuta.**

**Il-qari għandu jsir b'ritmu mexxej imma b'pass mhux daqstant mgħaġġel u maħtuf. Il-kliem għandu jiġi artikulat ċar u li jinftiehem sewwa.**

**Merħba.**

**Matul is-sessjoni tas-smigħ se tisma' s-silta darbtejn. Tista' tibda taħdem l-eżerċizzji fil-karta li għandek quddiemek waqt li tisma'. Bejn l-ewwel qari u t-tieni qari se jkollok 8 minuti.**

**--------------- Waqfa ta' 20 sekonda ---------------**

**Issa se tinqara s-silta għall-ewwel darba.**

Sergei ġie l-ewwel darba Malta erba' snin ilu bħala turist imma xtaq jerġa' jiġi biex jaħdem ma' kumpanija tal-igaming. Waħda mill-kumpaniji li applika magħha ma damitx ma bagħtet għalih. Fi żmien tliet xhur kellu l-bagalji ppakkjati u kien fuq ajruplan fi triqtu lejn Malta.

Min jaf kemm-il darba ħares lejn il-mappa biex isir jaf aħjar lil din il-gżira ċkejkna f'nofs il-Baħar Mediterran! Dik il-forma tagħha qisha ħuta kienet taffaxxinah. Innota li f'dik il-parti li tixbah ħalq il-ħuta kien hemm raħal jismu Marsaxlokk. Sergei fittex dwaru u sab li kien raħal tas-sajjieda magħruf għad-dgħajjes ikkuluriti armati sabiex imorru għas-sajd.

Meta wasal Malta mal-ewwel ċans li sab, qabad il-karozza tal-linja numru 85 għal Marsaxlokk. Hemmhekk ra madwar erbgħin dgħajsa kkulurita li s'issa kien rahom biss fl-istampi. Ir-riħa tal-baħar fetħitlu mnifsejh!

"Bonġu sieħbi! Nagħmillek ftit vopi?" staqsieh sajjied anzjan.

"Agħmilli sitta, jekk jogħġbok," wieġbu Sergei li issa kien tgħallem ftit Malti.

Is-sajjied ma damx ma qabad diskursata miegħu dwar dik l-għajn li hemm impinġija fuq id-dgħajjes Maltin.

"Dik l-għajn tipproteġi lis-sajjied!" qallu b'leħen sod.

**--------------- Waqfa ta’ 8 minuti ---------------**

**Issa se tinqara s-silta għat-tieni darba.**

**--------------- Qari tas-silta għat-tieni darba ---------------**

**Tista’ tkompli twieġeb il-mistoqsijiet. (5 minuti)**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**KARTA MUDELL**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| NUMRU TAL-KARTA: | II - Livell 1–2 (Is-Smigħ) |
| DATA: | |
| ĦIN: | 20 minuta |

**IL-KARTA TAL-KANDIDAT**

**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

1. Immarka b'✓ l-istampa li taqbel mas-suġġett tas-silta li smajt. (marka)



☐

A



☐

B



☐

Ċ



☐

D

**Agħmel linja taħt it-tweġiba t-tajba:**

2. Sergei ġie Malta (marka)

(a) l-ewwel darba.

(b) it-tieni darba.

(ċ) kemm-il darba.

3. Il-mappa ta' Malta għandha l-forma ta' (marka)

(a) dgħajsa.

(b) bajja.

(ċ) ħuta.

4. Biex wasal Marsaxlokk Sergei qabad il-korozza tal-linja bin-numru (marka)

(a) sitta.

(b) ħamsa u tmenin.

(ċ) erbgħin.

5. Sergei mar Marsaxlokk (marka)

(a) filgħodu.

(b) filgħaxija.

(ċ) xħin dalam.

6. Sergei u s-sajjied tkellmu dwar (marka)

(a) il-vopi u r-raħal tas-sajjieda.

(b) il-ħut u l-igaming.

(ċ) il-vopi u l-għajn fuq id-dgħajjes

7. Immarka b'✓ **iż-żewġ** stqarrijiet li huma foloz. (2 marki)

| | |
|---|---|
| (a) Malta qiegħda f'nofs il-Mediterran. | |
| (b) Id-dgħajjes ikkuluriti m'għadhomx jintużaw għas-sajd. | |
| (ċ) L-ewwel darba li Sergei ġie Malta kien għal vaganza. | |
| (d) Is-sajjied li ltaqa' miegħu Sergei kien żagħżugħ. | |

**Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba**

8. Sergei sab jaħdem (marka)

(a) mas-sajjieda.

(b) ma' kumpanija tal-igaming.

(ċ) mat-turisti.

9. Sergei jivvjaġġa (marka)

(a) bid-dgħajsa.

(b) bil-karozza privata.

(ċ) bil-karozza tal-linja.

10. Skont dak li smajt xi tfisser l-espressjoni "ir-riħa tal-baħar fetħitlu mnifsejh? (marka)

(a) Il-baħar kellu riħa tinten.

(b) Ma setax ixomm ir-riħa tal-baħar.

(ċ) Il-baħar kien ifuħ u meta xammu seta' jieħu nifs aħjar.

11. Is-sajjied ried juri lil Sergei li xogħol is-sajjied huwa (marka)

(a) faċli.

(b) jista' jkun perikoluż.

(ċ) jagħmluh l-anzjani biss.

12. Ikteb oġġett **WIEĦED** f'kull kaxxa skont dak li smajt fis-silta: (2 marki)

| Mezz ta' trasport | Oġġett li tuża meta jew qabel issiefer |
|---|---|
| | |

13. Skont l-informazzjoni li smajt fis-silta liema tip ta' dgħajsa ssib Marsaxlokk? Immarka l-istampa t-tajba b'✓. (marka)



☐

A



☐

B



☐

Ċ



☐

D

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-Università ta' Malta

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**KARTA MUDELL**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| NUMRU TAL-KARTA: | II - Livell 1–2 |
| DATA: | |
| ĦIN: | Siegħa u erbgħin minuta |

**1. IL-FEHIM MILL-QARI**

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet ta' warajha.** **(Total: ☐ / 25 marka)**

Aħbar: Ħuta kbira tidħol ix-xatt ta' Pembroke

Nhar it-Tnejn li għadda, kelb il-baħar mara dehret fuq ix-xatt ta' Pembroke. Wara li għamlet xi sigħat maqbuda fuq il-blat, irnexxielha tinħeles u reġgħet lura f'baħar fond.

Il-kelb il-baħar, tat-tip blue shark, kienet twila madwar tliet metri u dehret għajjiena u bla saħħa. Hija spiċċat imwaħħla fuq il-blat minħabba l-kurrenti qawwija tal-baħar li xeħtuha hemm u ma ħallewhiex terġa' toħroġ 'il barra fil-fond.

Mill-ewwel sar rapport lill-Pulizija li bagħtu uffiċjali tal-Akwarju Nazzjonali f'Buġibba fuq il-post. Huma **għamlu sforzi kbar** biex isalvawha. Fuq il-paġna tagħhom ta' Facebook, dehru ritratti ta' Greg Nowell, wieħed mill-uffiċjali, li għamel madwar sagħtejn jitħabat biex jaqla' lill-kelb il-baħar minn mal-blat. Intqal li l-kurrenti tal-baħar kienu qawwija ħafna u kull darba li l-kelb il-baħar ippruvat toħroġ, iktar bdiet titkaxkar 'il ġewwa fuq il-blat.

Aktar tard matul il-jum, l-Akwarju Nazzjonali ta' Malta xandar li l-blue shark fl-aħħar inqalgħet minn mal-blat u reġgħet ħarġet f'baħar fond. Greg Nowell qal li meta reġa' mar fuq il-post ftit sigħat wara, ma kien hemm ebda sinjali tal-ħuta. Għalhekk huwa jittama li din reġgħet lura fil-fond fejn suppost tgħix.

L-esperti tal-Akwarju Nazzjonali ta' Malta spjegaw li dan it-tip ta' kelb il-baħar mhux perikoluż u ma jattakkax lill-bniedem. Għalhekk serrħu moħħ in-nies li m'hemm ebda lok ta' allarm. Qalu wkoll li dan il-kelb il-baħar għandu ħalqu żgħir u jiekol l-aktar ħut irqiq. Mill-informazzjoni li taw fuq din l-ispeċi, jidher li dawn il-klieb il-baħar jistgħu jgħixu sa 20 sena. Illum jinsabu fil-periklu li jinqerdu għalkollox minħabba li kull sena jinqabdu bejn 10 u 20 miljun

wieħed għall-ikel, bħas-soppa popolari li ssir mix-xewka ta' fuq daharhom. Fit-tagħrif mogħti jissemma wkoll li huwa rari ħafna li din il-ħuta tgħum daqshekk qrib il-kosta għaliex hi tgħix f'ibħra fondi u kesħin. Hija ħuta li kapaċi tgħum distanzi twal u b'ħeffa kbira.

*(Silta addattata minn artiklu elettroniku li deher fuq is-sit: https://www.tvm.com.mt/mt/news/kelb-il-bahar-twil-zewg-metri-u-nofs-mal-blatfpembroke/)*

**TAQSIMA A**

**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

1a) Din is-silta hija fuq

i) il-ġmiel tax-xatt ta' Pembroke.

ii) ħuta li ġiet salvata.

iii) ix-xogħol tal-Akwarju Nazzjonali ta' Malta. (marka)

1b) It-tifsira tal-frażi "għamlu sforzi kbar" hija

i) ħadmu ħafna.

ii) ħadmu ftit.

iii) ħadmu bil-kalma. (marka)

2. Il-klieb il-baħar tat-tip blue shark jistgħu jgħixu sa

i) għaxar snin.

ii) tliet snin.

iii) għoxrin sena. (marka)

3) Il-frażi "m'hemm l-ebda lok ta' allarm" tfisser:

i) in-nies ma kellhomx jibżgħu jmorru jgħumu.

ii) in-nies kellhom joqogħdu attenti għal xi aħbar simili.

iii) in-nies kellhom għalfejn jibżgħu u ma jmorrux jgħumu Pembroke. (marka)

4) Mis-silta sib u ikteb **kelma/frażi** li tfisser li dan it-tip ta' kelb il-baħar jista' ma jibqax jeżisti fid-dinja. (marka)

5) Ikteb **sentenza** biex tgħid fil-qosor l-aħħar paragrafu tas-silta fuq xiex jittratta. (marka)

6) Mis-silta sib kelma li tfisser l-istess bħal **xatt**. (marka)

7) i) Taħseb li din is-silta ġrat tassew jew hija vvintata? (marka)

ii) Agħti raġuni **waħda** li ssib fit-test li tgħinek taħseb hekk. (2 marki)

**TAQSIMA B**

1) Kif kienet il-kundizzjoni tal-kelb il-baħar meta nstabet Pembroke? (marka)

2) Skont is-silta, minħabba xiex il-ħuta spiċċat fuq il-blat? (marka)

3) Fis-silta nsibu li meta l-uffiċjal tal-Akwarju Nazzjonali reġa' mar lura fuq il-post "**ma kien hemm ebda sinjal tal-ħuta"**. Spjega xi jfisser dan il-kliem. (2 marki)

4) Ikteb in-numru ta' klieb il-baħar ta' dan it-tip li huwa stmat li jinqabdu kull sena, skont it-tagħrif li ħareġ l-Akwarju Nazzjonali. (2 marki)

5) Għaliex dan it-tip ta' kelb il-baħar huwa mfittex ħafna? (2 marki)

6) Liema huwa dak il-paragrafu li jagħti l-aħbar kollha fi ftit kliem? Immarka l-kaxxa ta' ħdejn in-numru tal-paragrafu:

1☐ 2☐ 3☐ 4☐ 5☐ (2 marki)

7) Ikteb **TLIET** fatti li nsibu fuq il-blue shark f'din is-silta. (3 marki)

8) Ikteb **ŻEWĠ** kummenti biex tfisser kif taħsibha inti fuq il-klieb il-baħar wara dak li qrajt f'din l-aħbar. (2 marki)

**2. IL-LETTERATURA** **(Total: ☐ 10 marki)**

**Aqra dan li ġej u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

**Joseph u Jean ta' Adrian Grima**

Għandi sieħbi jismu Joseph
ilu Malta erba' snin,
sena minnhom għexha msakkra[1]
bla ma għamel xejn ħażin.

Wasal Malta, flok l-Italja,
u flok paċi sab bnedmin
illi qatt ma semgħu b'niesu[2]
b'dak li minnu għaddejjin.

Kellu jitlaq minn pajjiżu[3]
għax sab ruħu f'nofs il-ġlied
bejn mexxejja[4] egoisti
Li jaqilgħu biss inkwiet.

Meta telaq ħarrab[5] miegħu
lin-neputi ċkejken Jean,
iżda f'nofs il-vjaġġ infirdu[6],
qalb is-siġar, qalb id-dlam.

Tul il-vjaġġ ta' fuq il-baħar,
bejn se jegħrqu u ma jegħrqux,
dejjem jhewden[7] bin-neputi
u jekk fl-aħħar isibux.

Kull flgħaxija sieħbi[8] Joseph
jitlob dejjem, bla serħan[9],
li xi darba jdoqqlu l-mobile
u xħin jaqbdu jisma' 'l Jean.



*Ħares lejn din l-istampa sabiex tgħinek tfhem aħjar min kienu Joseph u Jean li jissemmew f'din il-poeżija.*

---

[1] Magħluq ġo post.
[2] In-nies tal-pajjiż tiegħu.
[3] Il-pajjiż ta' Joseph u Jean li minnu ħarbu.
[4] kapijiet
[5] Ħa lil Jean miegħu barra mill-pajjiż tagħhom.
[6] ma baqgħux flimkien
[7] jaħseb u jinkwieta
[8] il-ħabib tiegħi
[9] mingħajr ma jieqaf

**Il-Mistoqsijiet**

**1. Agħżel it-tweġiba t-tajba.**

a. Din il-kitba li qrajt hija dwar

i) il-gost tas-safar bil-baħar.

ii) il-paċi fid-dinja.

iii) it-tbatija tal-bnedmin li jaħarbu mill-pajjiż tagħhom. (marka)

b. Joseph telaq minn pajjiżu għax

i) keċċewh.

ii) ma kellux xogħol.

iii) kien hemm il-gwerra. (marka)

ċ. Joseph u Jean infirdu minn xulxin meta kienu

i) fuq l-art.

ii) fuq il-baħar.

iii) Malta. (marka)

2a. Ikteb sentenza biex tfisser kif ħassejtek wara li qrajt din il-kitba.

________________________________________________________________________ (marka)

2b. Agħti raġuni **waħda** biex tispjega għaliex ħassejt hekk.

________________________________________________________________________ (marka)

3. Mill-ewwel 4 versi/strofa, ikteb kelma oħra li tixbah fil-ħoss (tirrima) mal-kelma **'snin'** (vers 2).

________________________________________________________________________ (marka)

4. Barra Joseph u Jean, jissemmew persuni oħra f'din il-poeżija. Semmi **wieħed**.

________________________________________________________________________ (marka)

5. Ikteb x'taħseb fuq Joseph skont dak li qrajt fl-aħħar żewġ strofi (vers 17 sa 24).

______________________________________________________________________________

________________________________________________________________________ (2 marki)

6. Din il-poeżija għandha ton ta' dwejjaq. Ikteb kelma mill-poeżija li twassal għal dan it-ton.

________________________________________________________________________ (marka)

**3. Il-KITBA KREATTIVA – KITBA TWILA** **(Total: ☐ | 25 marka)**

Ikteb sa **150** kelma dwar wieħed minn dawn:

1. L-istaġun li nippreferi.

Tista' tuża dawn l-għajnuniet:

*Għaliex tippreferih?*
*Iddeskrivih fil-qosor.*
*X'tagħmel f'dan l-istaġun?*
*Fiex ifakkrek dan l-istaġun?*

**JEW**

2. L-annimal favorit tiegħi.

Tista' tuża dawn l-għajnuniet:

*Għaliex tippreferih?*
*Iddeskrivih fil-qosor.*
*Kif u fejn jgħix?*
*X'taf dwaru?*

4. **Il-KITBA FUNZJONALI - KITBA QASIRA** **(Total: ☐ | 10 marki)**

Ikteb **reklam** sa **80** kelma dwar:

1. Fabbrika kbira li tagħmel il-gallettini għandha gallettini ġodda. Ikteb reklam biex jinstema' fuq ir-radju sabiex tħajjar lin-nies jixtruhom.

**JEW**

2. Fir-raħal żgħir fejn toqgħod ma kienx hemm ħanut tal-ħwejjeġ. Il-ġimgħa d-dieħla se jiftaħ wieħed. Ikteb reklam li se jixxandar fuq ir-radju tar-raħal sabiex tħajjar lin-nies imorru jixtru mingħandu.

# L-Iskema tal-Marki

**Taħdit dwar viżwal** **(6 marki)**

Mistoqsija Numru i.

**(marka għal kull tweġiba = 2 marki)**

| Il-marki | Tingħata l-marka għall-: | LIVELL 1 |
|---|---|---|
| 1 | **VOKABULARJU** | Vokabularju rilevanti mal-istampa. |
| 1 | **VOKABULARJU** | Vokabularju rilevanti mal-istampa. |

Mistoqsija Numru ii. **Il-Kandidat jipproduċi 2 istruzzjonijiet u din l-iskema tintuża għat-tnejn li huma:**

**(2 marki għall kull istruzzjoni = 4 marki)**

| Il-marki | Tingħata l-marka għall-: | LIVELL 1 |
|---|---|---|
| 1 | **VOKABULARJU** | Vokabularju rilevanti mal-istampa. |
| 1 | **QBIL GRAMMATIKALI** | Użu tajjeb tal-Imperattiv fl-istruzzjoni. |

**A. Produzzjoni ta' mistoqsijiet skont il-kuntest mogħti** **(9 marki)**

**Il-Kandidat jipproduċi 3 mistoqsijiet u din l-iskema tintuża għat-tlieta li huma:**

**(3 marki kull mistoqsija = 9 marki)**

| Il-marki | Jingħataw il-marki għall-: | LIVELL 2 |
|---|---|---|
| 1 | STRUTTURA TAS-SENTENZA | - Sentenzi jew frażijiet xi ftit diffiċli.<br>- Qbil grammatikali tajjeb fit-tiswir tal-mistoqsija. |
| 1 | INTONAZZJONI/<br>IL-PRONUNZJA | - Intonazzjoni tajba imma bin-nuqqasijiet.<br>- Pronunzja tajba imma bin-nuqqasijiet.<br>- Jinftiehem li qed jagħmel mistoqsija. |
| 1 | GĦAN U L-ISKOP<br>(IDEAT U INTERAZZJONI) | - Ideat varji u relatati mas-suġġett bi ftit ripetizzjonijiet.<br>- Interazzjoni f'konverżazzjoni sempliċi. |

**Is-Smigħ**

| **L-EŻAMI TAS-SMIGĦ LIVELL 1: 6 marki** | | |
|---|---|---|
| **In-numru tal-mistoqsija** | **It-Tweġiba** | **Il-Marka** |
| 1. | B | marka |
| 2. | (b) it-tieni darba | marka |
| 3. | (ċ) ħuta | marka |
| 4. | (b) ħamsa u tmenin | marka |
| 5. | (a) filgħodu | marka |
| 6. | (ċ) il-vopi u l-għajn fuq id-dgħajjes. | marka |
| **LIVELL 2: 9 marki** | | |
| **In-numru tal-mistoqsija** | **It-Tweġiba** | **Il-Marka** |
| 7. | L-istqarrijiet foloz huma dawn:<br>(b) Id-dgħajjes ikkuluriti m'għadhomx jintużaw għas-sajd.<br>(d) Is-sajjied li ltaqa' miegħu Sergei kien żagħżugħ. | 2 marki |
| 8. | (b) ma' kumpanija tal-igaming. | marka |
| 9. | (ċ) bil-karozza tal-linja. | marka |
| 10. | (ċ) Il-baħar kien ifuħ u meta xammu seta' jieħu nifs aħjar. | marka |
| 11. | (b) jista' jkun perikoluż | marka |
| 12. | Mezz tat-trasport-Wieħed minn: *ajruplan, karozza tal-linja, dgħajsa.*<br>Oġġett li tuża meta jew qabel issiefer-Wieħed minn: *mappa, bagalja.* | 2 marki |
| 13. | B | marka |
| | | **Total: 15-il marka** |

**Qari Livell 1-2**

| In-numru tal-mistoqsija | It-tweġiba | Il-marki | Il-kummenti |
|---|---|---|---|
| **LIVELL 1 40%<br>TAQSIMA A** | | **10** | Ma jitnaqqsux marki għal żbalji tal-ortografija.<br><br>Fejn ikun il-każ, aċċetta tweġibiet differenti minn dawk mogħtija imma li jkunu jaqblu mas-sens tat-mistoqsija u li jkunu mit-test mistħarreġ.<br><br>Ma jitnaqqsux marki għal żbalji tal-ortografija.<br><br>Fejn ikun il-każ, aċċetta tweġibiet differenti minn dawk mogħtija imma li jkunu jaqblu mas-sens tat-mistoqsija u li jkunu mit-test mistħarreġ. |
| 1a. | ii) ħuta li ġiet salvata. | **1** | |
| 1b. | i) ħadmu ħafna. | **1** | |
| 2. | iii) għoxrin sena. | **1** | |
| 3. | a) in-nies ma kellhiex tibża' tmur tgħum. | **1** | |
| 4. | (Jinsabu) fil-periklu li jinqerdu/ jinqerdu għalkollox/jinqerdu | **1** | |
| 5. | Jitkellem dwar il-kwalitajiet speċjali ta' din il-ħuta. | **1** | |
| 6. | kosta/blat | **1** | |
| 7. | i) Iva<br>ii) għax jissemmew postijiet/nies/aġenziji li jeżistu verament. | **1**<br>**2** | |
| **LIVELL 2 60%<br>TAQSIMA B** | | **15** | |
| 1. | Il-ħuta kienet għajjiena u bla saħħa. | **1** | |
| 2. | Minħabba l-kurrenti qawwija tal-baħar li xeħtuha fuq il-blat. | **1** | |
| 3. | Jiġifieri l-ħuta kienet telqet u ma kien jidher xejn li kienet hemm. | **2** | |
| 4. | Bejn 10 u 20 miljun | **2** | |
| 5. | Għall-ikel/għas-soppa li ssir mix-xewka ta' dahru. | **2** | |
| 6. | Paragrafu 1 | **2** | |
| 7. | Tlieta minn: | **1x3** | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | • mhux perikoluż u ma jattakkax lill-bniedem;<br>• għandu ħalqu żgħir u jiekol l-aktar ħut irqiq;<br>• jistgħu jgħixu sa 20 sena;<br>• jinsabu fil-periklu li jinqerdu għalkollox;<br>• kull sena jinqabdu bejn 10 u 20 miljun wieħed għall-ikel;<br>• tgħix f'ibħra fondi u kesħin;<br>• tgħum distanzi twal u b'ħeffa kbira. | | |
| 8. | Varji. | **2** | |

**Letteratura Livell 1-2**

| | IL-MISTOQSIJA | IT-TWEĠIBA | IL-MARKI |
|---|---|---|---|
| **LIVELL 1** | | | 4 |
| | 1a. | iii) it-tbatija tal-bnedmin li jaħarbu mill-pajjiż tagħhom. | 1 |
| | 1b. | iii) kien hemm il-gwerra. | 1 |
| | 1ċ. | i) fuq l-art. | 1 |
| | 2a. | Tweġibiet bħal:<br>Ħassejt sens ta' dwejjaq, niket, mewt, tbatija ... | 1 |
| **LIVELL 2** | | | 6 |
| | 2b. | Tweġibiet bħal:<br>Għax fiha jissemmew il-gwerer u l-firda tal-familja.<br>Għax fakkritni fin-nies li jmutu fil-baħar meta jaħarbu minn pajjiżhom.<br>Għax fiha jissemma tifel żgħir li kellu jbati/jmut/jintilef. | 1 |
| | 3. | ħażin | 1 |
| | 4. | **Waħda minn**:<br>Il-poeta/il-ħabib ta' Joseph; il-mexxejja egoisti; il-Maltin. | 1 |
| | 5. | Li kien inkwetat fuq in-neputi u li għadu jistenna li jarah/li kien iħobbu ħafna għax baqa' l-ħin kollu jaħseb fuqu. | 2 |
| | 6. | **Waħda** minn:<br>msakkra, ġlied, egoisti, inkwiet, dlam, jegħrqu, bla serħan. | 1 |

**Il-Kitba Livell 1-2**

| **Il-kitba kreattiva twila** | **LIVELL 1 40%** | | **LIVELL 2 60%** | | |
|---|---|---|---|---|---|
| L-istruttura tas-sentenza | Mingħajr struttura.<br><br>**0-1 marka** | Struttura bażika ħafna.<br><br>**2 marki** | | Sentenzi komposti b'xi żbalji.<br><br>**3 marki** | Sentenzi komposti b'użu ta' konġunzjonijiet li jiffurmaw paragrafu.<br>**4 marki** |
| Il-vokabularju | Użu ta' vokabularju limitat ħafna.<br><br>**0-1 marka** | Użu ta' vokabularju bażiku b'ħafna ripetizzjoni.<br><br>**2 marki** | | Użu ta' vokabularju bażiku.<br><br>**3 marki** | Użu ta' vokabularju varjat.<br><br>**4 marki** |
| Is-sekwenza u l-ideat | Kitba mingħajr sekwenza u ideat.<br><br>**0-1 marka** | Kitba mingħajr sekwenza imma b'xi ideat.<br><br>**2 marki** | | Kitba li fiha linearità fil-ħsieb.<br><br>**3 marki** | Kitba b'sekwenza lineari u ddettaljata fil-linja tal-ħsieb.<br>**4 marki** |
| Il-punteġġjatura | Mingħajr punteġġjatura.<br><br>**0 l-ebda marka** | Punteġġjatura nieqsa u użata b'mod żbaljat.<br><br>**1 marka** | Użu ta' punteġġjatura kif meħtieġ b'xi nuqqasijiet żgħar.<br><br>**2 marki** | Użu ta' punteġġjatura kif meħtieġ.<br><br>**3 marki** | |
| L-istruttura grammatikali | Kitba mingħajr struttura grammatikali.<br><br>**0 l-ebda marka** | Użu ta' struttura grammatikali bażika imma b'ħafna nuqqasijiet.<br><br>**1 marka** | Użu ta' struttura grammatikali bażika imma b'xi nuqqasijiet żgħar.<br><br>**2 marki** | Użu ta' struttura grammatikali użata ġeneralment tajba.<br><br>**3 marki** | |
| L-ortografija | Għad m'għandux konoxxenza tal-alfabett Malti u b'ħafna żbalji.<br><br>**0 l-ebda marka** | Użu ta' aspetti ortografiċi bażiċi b'ħafna żbalji.<br><br>**Bejn 10 u 15-il żball.**<br><br>**1 marka** | Użu ta' aspetti ortografiċi bażiċi b'xi żbalji.<br><br>**Inqas minn 10 żbalji**<br><br>**2 marki** | Użu ta' aspetti ortografiċi bi ftit żbalji.<br><br>**Inqas minn 5 żbalji**<br><br>**3 marki** | |
| It-tul | Inqas minn 40 kelma.<br><br>**0 l-ebda marka** | Bejn 41 u 60 kelma.<br><br>**1marka** | Bejn 61 u 100 kelma.<br><br>**2 marki** | Bejn 101 u 130 kelma.<br><br>**3 marki** | Bejn 131 u 150 kelma jew aktar.<br><br>**4 marki** |
| | **10 marki** | | **15-il marka** | | |
| | | | | | **TOTAL: 25 marka** |

| **Il-Kitba Funzjonali Qasira** | **LIVELL 1 40%** | | **LIVELL 2 60%** | |
|---|---|---|---|---|
| Il-vokabularju | Mingħajr struttura.<br><br>**0 l-ebda marka** | Struttura bażika ħafna.<br><br>**1 marka** | Sentenzi komposti b'xi żbalji.<br><br>**2 marki** | |
| L-ortografija u l-punteġġjatura | Għad m'għandux konoxxenza tal-alfabett Malti u ma jħaddimx punteġġjatura.<br><br>**0 l-ebda marka** | Użu ta' aspetti ortografiċi bażiċi b'ħafna żbalji u b'ħafna punteġġjatura nieqsa jew żbaljata.<br><br>**1 marka** | Użu ta' aspetti ortografiċi bażiċi b'xi żbalji u użu ta' punteġġjatura b'xi żbalji żgħar.<br><br>**2 marki** | Użu ta' aspetti ortografiċi bi ftit żbalji u punteġġjatura użata ġeneralment tajjeb.<br><br>**3 marki** |
| Is-sekwenza u l-ideat skont il-ġeneru mitlub. | Kitba mingħajr sekwenza u ideat.<br><br>**0 l-ebda marka** | Kitba mingħajr sekwenza imma b'xi ideat.<br><br>**1 marka** | Kitba li fiha linearità fil-ħsieb.<br><br>**2 marki** | Kitba b'sekwenza lineari u ddettaljata fil-linja tal-ħsieb.<br><br>**3 marki** |
| It-tul | Inqas minn 40 kelma.<br><br>**0 l-ebda marka** | Bejn 40 u 60 kelma.<br><br>**1 marka** | Bejn 61 u 80 kelma jew iktar.<br><br>**2 marki** | |
| | **4 marki** | | **6 marki** | |
| | | | | **TOTAL: 10 marki** |

# Karta Mudell: Karta Controlled Livell 2–3

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-Università ta' Malta

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**KARTA MUDELL**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| NUMRU TAL-KARTA: | II - Livell 2–3 (It-Taħdit) |
| DATA: | |
| ĦIN: | 10 minuti (5 minuti preparazzjoni: 5 minuti taħdit) |

**Il-KARTA TAL-EŻAMINATUR**

**A. Taħdit dwar viżwal** **(6 marki)**

Il-kandidat jingħata l-karta bl-istampi minn qabel u jagħżel **waħda** minnhom.

**Stampa 1:**



**JEW**

**Stampa 2:**




*(https://www.dreamstime.com/illustration/steps-direction.html)*

Il-mistoqsijiet dwar l-istampa magħżula:

i. Iddeskrivi l-proċess li jidher f'din l-istampa. (3 marki)
ii. Agħti istruzzjoni oħra li tħoss li hija importanti fil-proċess li qed tara fl-istampa. (3 marki)

**B. Għoti ta' informazzjoni u dettalji skont il-kuntest mogħti. (9 marki)**

Il-kandidat jingħata l-karta bl-istampi minn qabel u jagħżel **waħda** minnhom biex wara jagħti informazzjoni u dettalji rilevanti.

**Stampa 1:**



*(https://walkthru360.com/flower-shop-chicago-virtual-tour-360-img_0413/)*

Immaġina li inti taħdem f'dan il-ħanut tal-fjuri u ċempillek klijent biex jakkwista xi informazzjoni dwar is-servizzi li toffru. Agħti l-informazzjoni meħtieġa dwar il-prodotti u s-servizzi tagħkom b'dettalji u eżempji.

**JEW**

**Stampa 2:**




*(https://www.travelpulse.com/news/travel-agents/gogo-vacations-introduces-tripsecure-product-for-travel-agents.html)*

Immaġina li inti taħdem f'aġenzija tal-ivvjaġġar u ġew klijenti biex jibbukkjaw vjaġġ barra minn Malta. Agħti informazzjoni dwar xi vjaġġi li tista' tipprovdi l-aġenzija b'dettalji u eżempji.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**KARTA MUDELL**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| NUMRU TAL-KARTA: | II - Livell 2–3 (It-Taħdit) |
| DATA: | |
| ĦIN: | 10 minuti (5 minuti preparazzjoni: 5 minuti taħdit) |

**Il-KARTA TAL-KANDIDAT**

**A. Taħdit dwar viżwal** **(6 marki)**

Agħżel stampa minn 1 jew 2 u wieġeb il-mistoqsijiet li jsirulek dwarha.

**Stampa 1:**



*(https://www.colourbox.com/vector/timeline-infographic-of-planting-tree-process-vector-18008636)*

**JEW**

**Stampa 2:**




*(https://www.dreamstime.com/illustration/steps-direction.html)*

**B. Għoti ta' informazzjoni u dettalji skont il-kuntest mogħti.** **(9 marki)**

Agħżel stampa minn 1 jew 2 u wara agħti informazzjoni u dettalji rilevanti.

**Stampa 1:**



*(https://walkthru360.com/flower-shop-chicago-virtual-tour-360-img_0413/)*

Immaġina li inti taħdem f'dan il-ħanut tal-fjuri u ċempillek klijent biex jakkwista xi informazzjoni dwar is-servizzi li toffru. Agħti l-informazzjoni meħtieġa dwar il-prodotti u s-servizzi tagħkom b'dettalji u eżempji.

**JEW**

**Stampa 2:**




*(https://www.travelpulse.com/news/travel-agents/gogo-vacations-introduces-tripsecure-product-for-travel-agents.html)*

Immaġina li inti taħdem f'aġenzija tal-ivvjaġġar u ġew klijenti biex jibbukkjaw vjaġġ barra minn Malta. Agħti informazzjoni dwar xi vjaġġi li tista' tipprovdi l-aġenzija b'dettalji u eżempji.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**KARTA MUDELL**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| NUMRU TAL-KARTA: | II - Livell 2–3 (Is-Smigħ) |
| DATA: | |
| ĦIN: | 20 minuta |

**IL-KARTA TAL-EŻAMINATUR**

**Il-ħin għal dan l-eżerċizzju li jinkludi l-qari darbtejn tat-testi għandu jieħu b'kollox 20 minuta.**

**(Total 15 -il marka)**

**Il-qari għandu jsir b'ritmu mexxej imma b'pass mhux daqstant mgħaġġel u maħtuf. Il-kliem għandu jiġi artikulat ċar u li jinftiehem sewwa.**

**Merħba.**

**Matul is-sessjoni tas-smigħ se tisma' s-silta darbtejn. Tista' tibda taħdem l-eżerċizzji fil-karta li għandek quddiemek waqt li tisma'. Bejn l-ewwel qari u t-tieni qari se jkollok 8 minuti.**

**--------------- Waqfa ta' 20 sekonda ---------------**

**Issa se tinqara s-silta għall-ewwel darba.**

Sonia hija tfajla Russa. Ilha toqgħod Malta iktar minn ħames snin. Kemm-il darba marret f'ristoranti li jservu ikel Malti u l-iktar li jogħġobha huwa l-ħut u l-frott tal-baħar. Il-platt favorit tagħha huwa l-istuffat tal-klamari. Il-klamari huma kreaturi tal-baħar li għandhom is-saqajn minflok id-denb biex jgħumu, magħrufin għal-linka li jkollhom ġo fihom u li fil-baħar jużawha sabiex jiddefendu ruħhom biha mill-predaturi. Skont ir-riċetta Maltija, il-klamari jitnaddfu sewwa minn din il-linka u mbagħad jimtlew b'taħlita ta' ingredjenti qabel ma jissajru.

Sonia minn dejjem xtaqet li tkun taf ir-riċetta ħalli tibda ssajjarhom hi wkoll. Għalhekk tgħidx kemm qagħdet attenta meta darba semgħet ir-riċetta tal-istuffat tal-klamari fuq ir-radju! Bdiet tniżżel kollox fuq karta waqt li l-kok beda jagħti l-ingredjenti u l-metodu tar-riċetta:

Biex tagħmel l-istuffat tal-klamari għandek bżonn:

Żewġ klamari kbar

Kikkra frak tal-ħobż

Kikkra tursin imqatta'

Żewġ bajdiet ibsin imqattgħa

Bajda mħabbta

Tliet inċoviet imqattgħa

Żewġ basliet imqattgħa

Mitejn gramma piżelli

Tliet mitt gramma tadam imqatta'

Ftit żejt taż-żebbuġa

Tmien mitt millilitru ilma fietel

Biex tipprepara l-mili tal-klamari għandek timxi ma' dawn l-istruzzjonijiet:

- L-ewwel ħallat flimkien il-frak tal-ħobż, it-tursin, l-inċova u l-bajd iebes ġo skutella.

- Magħhom żid il-bajda mħabbta.

- Imla l-klamari b'din it-taħlita u agħlaqhom b'toothpick min-naħa ta' fuq ħalli l-mili ma joħroġx waqt it-tisjir.

- Wara li timliehom poġġihom fil-friġġ sakemm tipprepara z-zalza.

Biex tipprepara z-zalza għall-istuffat għandek timxi ma' dawn l-istruzzjonijiet:

- Ġo borma aqli l-basla fi ftit żejt taż-żebbuġa.

- Xħin tibda tiħmar il-basla, żid it-tadam imqatta' u ħallih fuq nar bati sakemm ikun kważi sar.

- Żid l-ilma fietel u xħin jibda jagħli itfa' l-klamari.

- Kompli sajjar fuq nar bati ħalli jsir bil-mod.

- Meta jkun kważi sar, żid il-piżelli u ftit bżar u melħ għat-togħma.

- Ħalli l-borma ttektek għal xi għaxar minuti oħra.

Dik kienet ir-riċetta tal-istuffat tal-klamari. Nixtieq ukoll ngħidilkom li z-zalza tal-istuffat tal-klamari tista' tużaha mal-ispagetti bħala l-ewwel platt. Hekk ikollkom ikla kompluta li trid madwar sebgħin minuta biex tippreparaha.

Sonia rnexxielha tikteb noti ta' dak li semgħet u meta l-Ħadd stiednet lil sħabha għall-ikel tgħidx kemm qalgħet kumplimenti sbieħ!

**Għandek 3 minuti sabiex tħares lejn il-mistoqsijiet. Jekk trid tista' tibda twieġeb.**

**--------------- Waqfa ta' 8 minuti ---------------**

**Issa se tinqara s-silta għat-tieni darba.**

**-------------- Qari tas-silta għat-tieni darba --------------**

**Tista' tkompli twieġeb il-mistoqsijiet. (5 minuti)**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**KARTA MUDELL**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| NUMRU TAL-KARTA: | II - Livell 2–3 (Is-Smigħ) |
| DATA: | |
| ĦIN: | 20 minuta |

**IL-KARTA TAL-KANDIDAT**

**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

1. Il-klamari huma s-suġġett ewlieni ta' din is-silta. Immarka l-istampa t-tajba skont dak li smajt. (marka)



A



B



Ċ



D

2. Imla l-vojt fit-tabella billi tniżżel **żewġ** tipi ta' għodda u **żewġ** ingredjenti għall-mili tal-klamari li smajt għal din ir-riċetta. (4 marki)

| Għodda | Ingredjenti għall-mili tal-klamari |
|---|---|
| 1. | 1. |
| 2. | 2. |

3. Immarka b' ✓ s-sentenza t-tajba li taqbel ma' dak li smajt. (marka)

| | |
|---|---|
| | 1.Għandek bżonn żewġ tadamiet kbar. |
| | 2. Importanti li żżomm il-klamari f'post sħun. |
| | 3. Il-bżar u l-melħ huma l-aħħar ingredjenti li tuża qabel issajjar il-klamari. |
| | 4. Għandek bżonn kikkra basal imqatta'. |

**Agħmel linja taħt it-tweġiba t-tajba.** (3 marki)

4. Sonia semgħet ir-riċetta

(a) meta kienet f'ristorant li jsajjar il-ħut.

(b) minn fuq ir-radju.

(ċ) mingħand kok ħabib tagħha.

5. Sonia ppruvat ir-riċetta tal-istuffat tal-klamari

(a) waqt li kienet qed tisma' r-riċetta.

(b) sebgħin minuta wara li semgħet lil kok jgħidha.

(ċ) meta stiednet lil sħabha għall-ikel.

6. 'Ħalli l-borma ttektek' għal għaxar minuti oħra tfisser

(a) il-borma titpoġġa fil-friġġ għal għaxar minuti oħra.

(b) l-ikel fil-borma jsir bil-mod fuq nar baxx għal għaxar minuti.

(ċ) l-arloġġ irid itektek għal għaxar minuti qabel ma jsir l-ikel fil-borma.

7. Kompli poġġi dawn l-istruzzjonijiet fl-ordni kronoloġika skont kif smajthom fir-riċetta. (3 marki)

| | |
|---|---|
| | Imla l-klamari bit-taħlita li għamilt. |
| **1** | Ħallat flimkien l-ingredjenti għall-mili tal-klamari. |
| | Agħlaq il-klamari b'toothpick. |
| | Żid il-piżelli mal-borma. |
| **4** | Itfa' l-klamari fiz-zalza u sajjar fuq nar bati. |

8. Agħmel ċirku man-numru t-tajjeb skont dak li smajt: (marka)

(200g, 300g, 800g) piżelli.

9. Immarka fil-kaxxa b'✓ Iva jew Le (marka)

It-taħlita użata biex timla l-klamari trid tissajjar qabel.

| | |
|---|---|
| Iva | |
| Le | |

10. Sonia xtaqet titlob ftit iktar dettall dwar din ir-riċetta. Skont dak li smajt, aqta' linja taħt il-mistoqsija l-aktar addattata li Sonia tista' tistaqsi lill-kok. (marka)

(a) Nista' nuża kunserva minflok tadam?

(b) Kemm ilek tagħmel dan il-programm?

(ċ) Taf b'xi ristorant fejn iservi ikel Malti?

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**KARTA MUDELL**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| NUMRU TAL-KARTA: | II - Livell 2–3 |
| DATA: | |
| ĦIN: | Siegħa u erbgħin minuta |

**1. IL-FEHIM MILL-QARI**

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet ta' warajha.** **(Total: ☐ /25 marka)**

**Il-Frawla Maltija**

Il-frawla – il-ġojjell u forsi l-akbar sigriet tal-bdiewa tagħna. Ħelwa manna u tixgħel bil-ħmura tagħha, il-frawla hija fost il-frottiet l-aktar popolari fil-gżejjer Maltin. U l-frawla Maltija ma bdejniex ingawduha lbieraħ.

Fis-seklu 18, il-frawli kien popolari ħafna u l-ħallelin Maltin tal-baħar kienu jixtru l-frawli biex jikluha fuq il-bastimenti tagħhom. Huma kienu jew jagħmluha ġamm, jew jikluha maċ-ċikkulata sħuna jew jagħsruha u jagħmluha xarba.

Apparti minn hekk fl-1915, it-Tabib John Borg iddeskriva l-frawli li kienet tikber f'Malta u rrimarka li għandha togħma eċċezzjonali. Huwa ħajjar pajjiżi oħra barra minn Malta biex isiru jafu bit-tjubija tagħha u jippruvawha. Ilum il-ġurnata għadna ngawdu din il-frotta bnina billi nqattgħuha f'xi taħlita ta' frott frisk, nużawha fil-milkshakes u fil-ġelati u f'taħlita maċ-ċikkulata sħuna.

Jeżistu għexieren differenti ta' varjetajiet ta' frawli li jintużaw mill-bdiewa Maltin. L-għażla tagħhom tiddependi minn fatturi varji fosthom il-perjodu ta' produzzjoni, il-kobor u l-ħlewwa tal-frotta u r-reżistenza għall-mard, fost oħrajn. Il-bdiewa jħawlu l-frawli bejn Settembru u Ottubru taħt xi struttura ta' plastik li tista' tkun serra jew tunnels differenti. Dawn iservu biex iżommu temperatura sħuna għall-frawli. Hekk tkun tista' tikber aħjar u jipproteġuha mill-elementi bħar-riħ li jistgħu faċilment jeqirdu x-xitla fraġli tal-frawli.

Bħal f'kull prodott ieħor, il-bidwi Malti b'paċenzja u kura liema bħalha, ikabbar din il-frotta billi jużа l-ħiliet u l-esperjenza tiegħu jew tagħha biex il-pjanta tikber bl-aħjar mod possibbli. Isaqqiha bl-aħjar ilma li jista', jagħtiha s-sustanzi biex tikber tajjeb u jikkuraha meta timrad. Il-pjanta b'hekk tikber tajjeb sakemm tibda tipproduċi fjuri

żgħar bojod li minn nofshom tibda tispunta l-frawla. Għall-ewwel din tkun ħadra sakemm, bil-mod il-mod, tibda tiħmar u ssir aktar ħelwa. Malli din issir, il-bidwi b'tant sabar jaqtagħha u jbigħha biex aħna nkunu nistgħu ngawdu mit-tjubija tagħha.

Bħal f'ħafna mill-prodotti lokali, il-frawli tkun fuq il-platt tagħna anqas minn 24 siegħa minn meta l-bidwi, mgħawweġ ganċ ifittex fil-pjanti biex isib il-frawla ħamra u jaqtagħha mill-għalqa. Dan għall-kuntrarju ta' frawli li tiġi minn pajjiżi barranin li tkun ilha li nqatgħet żmien u jkollha bżonn titkessaħ biex tinżamm il-kwalità tagħha matul il-vjaġġ.

Għalhekk ftakar li meta tixtri l-frawli lokali, kull frawla ġiet magħżula u maqtugħa waħda waħda minn idejn il-bidwi li bi mħabba u passjoni kabbar din il-frotta biex aħna nkunu nistgħu ngawdu l-benna ta' din il-frotta Maltija.

**TAQSIMA A** **(10 marki)**

**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

1. Meta l-awtur iqabbel il-frawla ma' ġojjell huwa jrid juri li
a) hija rari ħafna f'Malta.
b) l-bdiewa Maltin għandhom ħila speċjali biex ikabbruha.
ċ) tiswa ħafna flus. (marka)

2. Agħżel **ŻEWĠ** modi kif il-frawla kienet tintuża fl-antik fuq il-baħar skont kif jissemma fis-silta:
a) iżiduha mal-insalata tal-ħaxix.
b) jikluha mal-ħobż u l-għasel.
ċ) jużawha bħala ġamm.
d) jikluha mal-ħut u l-inbid.
e) iżiduha maċ-ċikkulata maħlula. (2 marki)

3. X'parir offra t-Tabib John Borg lill-barranin fuq il-frawla Maltija? (marka)

4. Agħti kelma oħra li tfisser l-istess bħal **manna** fil-frażi 'ħelwa manna'. (marka)

5. Ikteb **tliet** fatti li jingħataw fir-4 u l-5 paragrafu fuq it-tkabbir tal-frawli f'Malta. (3 marki)

6. Għaliex il-bdiewa jużaw is-serra jew tunnels biex ikabbru l-frawli tagħhom? (2 marki)

**TAQSIMA B** **(15-il marka)**

1. Il-frażi "ma bdejniex ingawduha lbieraħ" kif użata fis-silta tfisser

a) li l-bdiewa Maltin ilhom ħafna jkabbru l-frawli.

b) li l-frawli ġiet introdotta f'Malta fiż-żmien riċenti.

ċ) li għandna nieklu frawli kemm nifilħu. (2 marki)

2. Semmi **ŻEWĠ** affarijiet li jridu jaħsbu fihom il-bdiewa qabel jagħżlu t-tip ta' frawla li jridu jużaw. (2 marki)

3. Agħti t-tifsira tal-kelma 'tispunta' fil-frażi li ġejja: 'fjuri żgħar u bojod li minnhom tispunta l-frawla'. (marka)

4. X'taħseb li jrid ifisser biha l-awtur is-sentenza li ' il-frawli tkun fuq il-platt tagħna anqas minn 24 siegħa minn meta l-bidwi ...jaqtagħha mill-għalqa.' (marka)

5. Mis-sitt paragrafu, sib **ŻEWĠ** kelmiet li jintużaw biex iwasslu d-dedikazzjoni li biha l-bidwi Malti jkabbar il-frawli. (2 marki)

6. Agħżel **WAĦDA** minn dawn is-sentenzi li tagħti taqsira tajba tas-7 paragrafu

a) Il-frawli ta' barra għandha kwalità tajba bħal dik ta' Malta.

b) Għandna dejjem nixtru prodott lokali għax ikun itjeb u aktar frisk.

ċ) Il-bdiewa Maltin ibatu ħafna fuq ix-xogħol tagħhom. (2 marki)

7. Mill-aħħar paragrafu, x'taħseb li hu l-messaġġ li l-awtur irid iwassal fuq ix-xogħol tal-bidwi Malti? (2 marki)

8. Taħseb li dan it-test wasslek tapprezza aktar xogħol il-bdiewa Maltin? Għaliex? (3 marki)

## 2. IL-LETTERATURA

**(Total: | 10 marki)**

Aqra din il-poeżija u wara wieġeb il-mistoqsijiet.

**L-Arka Tiegħi ta' Marcell Mizzi**

Id-dar tiegħi arka[1] żgħira,
tul in-nhar u filgħaxija
tjur u klieb donnhom bl-imħatra
min se jqajjem frattarija;[2]
tisma' l-qroqqa ssieħ[3] lill-flieles
tisma' l-kelb mitluf fl-inbiħ,
tisma' s-sriedak b'ħanġra[4] jiddnu,
tisma' l-griedel[5] jgħannu sħiħ.

Dar imdaqqsa f'għadd ta' kmamar,
u bi ġnien u b'garaxx kbir,
b'dawn il-ħbieb ġol-arka tiegħi
ħajti tmur tassew ħarir;
nogħxa bl-għana tal-għasafar,
nedha nitma' l-klieb u l-frieħ,
noħla[6] nara lwien il-griedel,
nifraħ nara l-flieles sbieħ.

Tabilħaqq inħoss u nemmen
li f'din l-arka ċkejkna tiegħi
għandi ħbieb li fihom nafda
tul iż-żmien li jgħixu miegħi;
għax għalkemm madwar din l-arka
m'hemmx għargħar[7] iħabbtu magħha,
naf li hemm irjieħ qawwija
qegħdin jheddu[8] l-paċi tagħha.



L-arka hija dgħajsa kbira li tissemma fi storja famuża. Ħafna annimali ttellgħu fuq din l-arka sabiex jiġu salvati minn maltempata kbira li kienet se tolqot id-dinja.

[1] Ara stampa tal-arka bl-annimali
[2] Ħafna storbju
[3] issejjaħ
[4] Bis-saħħa kollha
[5] Tip ta' għasafar
[6] Nieħu gost
[7] Ħafna ilma/meta tagħmel ħafna xita
[8] Jippruvaw ineħħu

**Wieġeb il-mistoqsijiet**

Agħżel it-tweġiba t-tajba.

1. F'din il-poeżija l-poeta jinħass (marka)

(a) kuntent

(b) imdejjaq

(ċ) waħdu

2. Mill-ewwel strofa (vs1-8) sib kelma oħra li tixbah fil-ħoss (tirrima) mal-kelma **'filgħaxija'**.

______________________________________________________________________________ (marka)

3. Il-poeta huwa wieħed mill-karattri f'din il-poeżija. Xi ssir taf dwaru?

______________________________________________________________________________ (marka)

4. Sib alliterazzjoni mit-tieni strofa.

______________________________________________________________________________ (marka)

5. Għaliex taħseb li l-poeta qed juża din l-alliterazzjoni?

______________________________________________________________________________ (marka)

6. Għaliex taħseb li l-poeta fl-ewwel strofa jirrepeti kemm-il darba l-kelma 'tisma' '?

___________________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________ (2 marki)

7. "naf li hemm **irjieħ** qawwija
qegħdin jheddu l-paċi tagħha"

Meta l-poeta jsemmi **l-irjieħ** qed jirreferi

(a) għall-problemi tal-ħajja.

(b) għall-maltemp tax-xitwa.

(ċ) għall-ħsarat tar-riħ. (marka)

8. X'messaġġ irid iwassal il-poeta dwar l-annimali?

______________________________________________________________________________ (2 marki)

**3. IL-KITBA KREATTIVA – KITBA TWILA** **(Total: ☐ | 25 marka)**

**Ikteb sa 250 kelma dwar:**

1. Il-ħtieġa ta’ mezzi tat-trasport alternattivi. Iddiskuti.

**JEW**

2. Meta spiċċajt mingħajr mowbajl. Irrakkonta.

**4. IL-KITBA FUNZJONALI – KITBA QASIRA** **(Total: ☐ | 10 marki)**

**Ikteb sa 100 kelma dwar:**

1. Għadek kif qrajt ktieb li ħalla impatt fuqek. Ikteb reċensjoni dwaru.

**JEW**

2. Bħalissa qed issegwi serje televiżiva għal qalbek. Ikteb reċensjoni dwarha.

# L-Iskema tal-Marki

**Taħdit dwar viżwal**

Mistoqsija numru **i u ii**: **(6 marki)**

| Il-marki | Tingħata l-marka għall-: | LIVELL 2 |
|---|---|---|
| 1 | **VOKABULARJU** | Vokabularju rilevanti għall-istampa. |
| 1 | **QBIL GRAMMATIKALI** | Grammatika korretta. |
| 1 | **INTONAZZJONI U L-PRONUNZJA** | Jinftiehem b'mod ċar. |

**Għoti ta' informazzjoni u dettalji skont il-kuntest mogħti.** **(9 marki)**

| Il-marki | Jingħataw il-marki għal: | LIVELL 2 | LIVELL 3 | Il-marka finali |
|---|---|---|---|---|
| 2 | **VOKABULARJU** | - Vokabularju ripetittiv, fqir, u l-ebda ħjiel ta' Malti idjomatiku.<br>**0-1 marka** | - Kliem kumpless/ idjomatiku li jixraq il-kuntest mogħti.<br>- Ħakma tajba ħafna ta' firxa wiesgħa ta' kliem.<br>**2 marki** | |
| 3 | **STRUTTURA TAS-SENTENZA U QBIL GRAMMATIKALI** | - Sentenzi jew frażijiet wara xulxin li jagħmlu ftit sens.<br>-Ħakma grammatikali tajba imma bin-nuqqasijiet.<br>**0-1 marka** | - Sentenzi kumplessi li jagħmlu sens u ħakma grammatikali tajba.<br>**2-3 marki** | |
| 2 | **INTONAZZJONI/ IL-PRONUNZJA** | | - Intonazzjoni tajba ħafna.<br>- Pronunzja tajba ħafna.<br>- Jinftiehem ċar.<br>**1-2 marki** | |
| 2 | **GĦAN U L-ISKOP (IDEAT U INTERAZZJONI)** | - Ideat varji u relatati mas-suġġett bi ftit ripetizzjonijiet.<br>- Interazzjoni f'konverżazzjoni sempliċi.<br>**0-1 marka** | - Ideat oriġinali, u varjati.<br>- Informazzjoni rilevanti u dettalji li jaqblu mas-suġġett.<br>**2 marki** | |

**Is-Smigħ**

| **L-EŻAMI TAS-SMIGĦ LIVELL 2** | | **6 marki** |
|---|---|---|
| **In-numru tal-mistoqsija** | **It-Tweġiba** | **Il-Marka** |
| 1. | Ċ | marka |
| 2. | Għodda – **Tnejn** minn:<br>**skutella, borma, toothpick**<br>Ingredjenti għall-mili tal-klamari- **Tnejn** minn:<br>***frak tal-ħobż, tursin, inċova u bajd iebes*** | 4 marki |
| 3. | 3. Il-bżar u l-melħ huma l-aħħar ingredjenti li tuża qabel issajjar il-klamari. | marka |
| **LIVELL 3** | | **9 marki** |
| **In-numru tal-mistoqsija** | **It-Tweġiba** | **Il-Marka** |
| 4. | (b) minn fuq ir-radju. | marka |
| 5. | (ċ) meta stiednet lil sħabha għall-ikel. | marka |
| 6. | (b) l-ikel fil-borma jsir bil-mod fuq nar baxx għal għaxar minuti. | marka |
| 7. | **2** Imla l-klamari bit-taħlita li għamilt.<br>**1** Ħallat flimkien l-ingredjenti għall-mili tal-klamari.<br>**3** Agħlaq il-klamari b'toothpick.<br>**5** Żid il-piżelli mal-borma.<br>**4** Itfa' l-klamari fiz-zalza u sajjar fuq nar bati. | 3 marki<br>(marka għal kull risposta tajba) |
| 8. | 200g piżelli | marka |
| 9. | Le | marka |
| 10. | (a) Nista' nuża kunserva minflok tadam? | marka |
| **Total** | | 15 –il marka |

**Il-Qari**

<table>
<tr><th>In-numru tal-mistoqsija</th><th>It-tweġiba</th><th>Il-marki</th><th>Il-kummenti</th></tr>
<tr><td>TAQSIMA A<br>LIVELL 2 40%</td><td></td><td>10</td><td rowspan="15">Ma jitnaqqsux marki għal żbalji tal-ortografija.<br><br>Fejn ikun il-każ, aċċetta tweġibiet differenti minn dawk mogħtija imma li jkunu jaqblu mas-sens tat-mistoqsija u li jkunu mit-test mistħarreġ.<br><br>Ma jitnaqqsux marki għal żbalji tal-ortografija.<br><br>Fejn ikun il-każ, aċċetta tweġibiet differenti minn dawk mogħtija imma li jkunu jaqblu mas-sens tat-mistoqsija u li jkunu mit-test mistħarreġ.</td></tr>
<tr><td>1a.</td><td>b) l-bdiewa Maltin għandhom ħila speċjali biex ikabbruha.</td><td>1</td></tr>
<tr><td>2.</td><td>ċ) jużawha bħala ġamm.<br>e) iżiduha maċ-ċikkulata maħlula.</td><td>2</td></tr>
<tr><td>3.</td><td>Biex isiru jafu bil-frawla Maltija u jippruvawha għax hija tajba ħafna.</td><td>1</td></tr>
<tr><td>4.</td><td>ħelwa ħafna</td><td>1</td></tr>
<tr><td>5.</td><td>Tlieta minn:<br>• Titħawwel bejn Settembru u Ottubru;<br>• Tkun taħt tunnels jew serra;<br>• Trid tissaqqa bl-aħjar ilma;<br>• Tingħata s-sustanza;<br>• Tingħata kura għall-mard;<br>• Tagħmel fjuri bojod li minnhom joħorġu l-frawli;<br>• Fil-bidu l-frawla tkun ħadra imbagħad bil-mod issir ħamra u ħelwa.</td><td>1x3</td></tr>
<tr><td>6.</td><td>Biex il-frawli jkollha temperatura sħuna/tkun imħarsa mill-elementi.</td><td>2</td></tr>
<tr><td>TAQSIMA B<br>LIVELL 3 60%</td><td></td><td>15</td></tr>
<tr><td>7.</td><td>a) li l-bdiewa Maltin ilhom ħafna jkabbru l-frawli.</td><td>2</td></tr>
<tr><td>8.</td><td>Tnejn minn:<br>• Il-perjodu tal-produzzjoni;<br>• Il-kobor u l-ħlewwa tal-frawla;<br>• Ir-reżistenza għall-mard.</td><td>2</td></tr>
<tr><td>9.</td><td>Tibda tidher/toħroġ bil-mod</td><td>1</td></tr>
<tr><td>10.</td><td>Li aħna nistgħu nieklu l-frawli friska ftit ħin wara li tinqata' mill-għelieqi. B'hekk ingawdu l-aħjar togħma tagħha.</td><td>1</td></tr>
<tr><td>11.</td><td>Tnejn minn:<br>paċenzja/kura/ħiliet/esperjenzi/b'tant sabar</td><td>2</td></tr>
<tr><td>12.</td><td>b) Għandna dejjem nixtru prodott lokali għax ikun itjeb u aktar frisk.</td><td>2</td></tr>
<tr><td>13.</td><td>Li kull darba li nieklu l-frawli niftakru fix-xogħol u d-dedikazzjoni tal-bidwi Malti biex ikabbar frott tajjeb għalina.</td><td>2</td></tr>
<tr><td>14.</td><td>Iva/Le<br>Varji</td><td>1<br>2</td><td></td></tr>
</table>

**Il-Letteratura**

| In-Numru tal-mistoqsija | It-Tweġiba | Il-marki |
|---|---|---|
| **LIVELL 2** | | |
| 1. | (a) kuntent | marka |
| 2. | frattarija | marka |
| 3. | Li jħobb l-annimali/li joqgħod ġo dar bil-ġnien u garaxx/li l-annimali huma ħbieb tiegħu.<br>*Aċċetta tweġibiet oħra li jagħmlu sens.* | marka |
| 4. | bi ġnien u b'garaxx kbir | marka |
| **LIVELL 3** | | |
| 5. | Biex jurina l-kobor u l-ispazju li kellhom l-annimali fid-dar tiegħu. | marka |
| 6. | Waħda minn:<br>Biex juri li kellu ħafna annimali.<br>Biex nimmaġinaw li qed nisimgħuhom aħna wkoll u jdaħħalna fl-atmosfera. | 2 marki |
| 7. | (a) għall-problemi tal-ħajja. | marka |
| 8. | Li l-annimali huma ħbieb tiegħu u li sakemm ikun magħhom ikun kuntent.<br>*Aċċetta tweġibiet simili li jagħmlu sens.* | 2 marki |

**Il-Kitba**

| Il-Kitba kreattiva twila | | LIVELL 2 40% | | LIVELL 3 60% | |
|---|---|---|---|---|---|
| L-istruttura tas-sentenza | Struttura bażika ħafna. **0-1 marka** | Sentenzi komposti b'xi żbalji. **2 marki** | | Sentenzi komposti b'użu ta' konġunzjonijiet li jiffurmaw paragrafu. **3 marki** | Nikteb paragrafi li jorbtu flimkien magħmula minn sentenzi bi strutturi sintattiċi differenti li jorbtu tajjeb bejniethom. **4 marki** |
| Il-vokabularju | Użu ta' vokabularju bażiku b'ħafna ripetizzjoni **0-1 marka** | Użu ta' vokabularju bażiku. **2 marki** | | Użu ta' vokabularju varjat. **3 marki** | Użu ta' vokabularju varjat li jixraq mal-kuntest. **4 marki** |
| Is-sekwenza u l-ideat | Kitba mingħajr sekwenza. **0-1 marka** | Kitba li fiha linearità fil-ħsieb. **2 marki** | | Kitba b'sekwenza lineari u ddettaljata fil-linja tal-ħsieb. **3 marki** | Kitba b'sekwenza u koerenza fl-ideat. **4 marki** |
| Il-punteġġjatura | Mingħajr punteġġjatura. **0 l-ebda marka** | Punteġġjatura nieqsa u użata b'mod żbaljat. **1 marka** | Użu ta' punteġġjatura kif meħtieġ b'xi nuqqasijiet żgħar. **2 marki** | Użu ta' punteġġjatura kif meħtieġ. **3 marki** | |
| L-istruttura grammatikali | Użu ta' struttura grammatikali bażika imma b'ħafna nuqqasijiet. **0 l-ebda marka** | Użu ta' struttura grammatikali bażika imma b'xi nuqqasijiet żgħar. **1 marka** | Użu ta' struttura grammatikali użata ġeneralment tajba. **2 marki** | Użu b'mod ġeneralment korrett ta' strutturi grammatikalment kumplessi. **3 marki** | |
| L-ortografija | Użu ta' aspetti ortografiċi bażiċi b'mod żbaljat ħafna. **Aktar minn 20 żball.** **0 l-ebda marka** | Użu ta' aspetti ortografiċi bażiċi b'xi żbalji. **Bejn 10 u 15-il żball.** **1 marka** | Użu ta' aspetti ortografiċi bi ftit żbalji. **Inqas minn 10 żbalji.** **2 marki** | Użu ta' aspetti ortografiċi bi ftit li xejn żbalji. **Inqas minn 5 żbalji.** **3 marki** | |
| It-tul | Inqas minn 130 kelma. **0 l-ebda marka** | Bejn 131 u 150 kelma. **1 marka** | Bejn 151 u 200 kelma. **2 marki** | Bejn 201 u 230 kelma **3 marki** | Bejn 231 u 250 jew aktar. **4 marki** |
| | | **10 marki** | | **15-il marka** | |
| | | | | | **TOTAL: 25 marka** |

| **Il-Kitba Funzjonali Qasira** | **LIVELL 2 40%** | | **LIVELL 3 60%** | |
|---|---|---|---|---|
| Il-vokabularju | Użu ta’ vokabularju bażiku b’ħafna ripetizzjoni.<br><br>**0 l-ebda marka** | Użu ta’ vokabularju varjat.<br><br>**1 marka** | Użu ta’ vokabularju varjat li jixraq mal-kuntest.<br><br>**2 marki** | |
| L-ortografija u l-punteġġjatura | Użu ta’ aspetti ortografiċi bażiċi b’ħafna żbalji u b’ħafna punteġġjatura nieqsa jew żbaljata.<br><br>**0 l-ebda marka** | Użu ta’ aspetti ortografiċi bażiċi b’xi żbalji u użu ta’ punteġġjatura b’xi żbalji żgħar.<br><br>**1 marka** | Użu ta’ aspetti ortografiċi bi ftit żbalji u punteġġjatura użata ġeneralment tajjeb.<br><br>**2 marki** | Użu ta’ aspetti ortografiċi bi ftit li xejn żbalji u punteġġjatura użata fejn meħtieġ.<br><br>**3 marki** |
| Is-sekwenza u l-ideat skont il-ġeneru mitlub. | Kitba mingħajr sekwenza imma b’xi ideat.<br><br>**0 l-ebda marka** | Kitba li fiha linearità fil-ħsieb.<br><br>**1 marka** | Kitba b’sekwenza lineari u ddettaljata fil-linja tal-ħsieb.<br><br>**2 marki** | Kitba b’sekwenza u koerenza fl-ideat.<br><br>**3 marki** |
| It-tul | Inqas minn 75.<br><br>**0 l-ebda marka** | Bejn 75 u 80 kelma.<br><br>**1 marka** | Bejn 80 u 100 jew aktar.<br><br>**2 marki** | |
| | **4 marki** | | **6 marki** | |
| | | | | **TOTAL: 10 marki** |